# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 5**

**Rikors Numru 353/11 AL**

**Anabel Cassar Bonnici**

**v.**

**Emanuel Cassar**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma appell principali maghmul mill-konvenut u appell incidentali maghmul mill-attrici minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fil-11 ta' Dicembru 2014 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet *inter alia* billi: ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unikament tal-konvenut; ordnat lill-konvenut jhallas lill-

attrici bhala manteniment ghat-tifel minuri rata ta' €350 kull erba' gimghat, liema ammont jinkludi s-sehem tal-konvenut mill-ispejjez ordinarji relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri u li dan il-manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut; applikat fil-konfront tal-konvenut id-dispost tal-Artikolu 48 [1] [a] u [d] tal-Kodici Civili; xoljiet, illikwidat u assenjat l-atti tal-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li ddikjarat li l-fond 'Moonlight' Hofra tar-Riz, limiti tar-Rabat Malta, gia` d-dar matrimonjali, proprjeta` parafernali tal-attrici.

**L-Appelli**

2. L-appell principali huwa bazat fuq tlett aggravji li jirrigardjaw: [1] ir-responsabbilita` ghas-separazzjoni, [2] il-*quantum* tal-manteniment, [3] il-quantum tal-kreditu tal-konvenut ghall-miljoramenti li saru fil-fond matrimonjali.

3. Ghar-ragunijiet imfissra fir-rikors tal-appell tieghu, il-konvenut qed jitlob ir-riforma tas-sentenza kif ser jinghad billi [1] jigi dikjarat li r-responsabbilita` ghas-separazzjoni ma tirrisjedix unikament fuq il-konvenut, [2] li l-access favur tieghu ghat-tifel minuri ma jkunx ezercitat taht "supervizjoni tal-Agenzija Appogg gewwa l-ghassa ghal hin daqshekk limitat, u cioe` ghal darba fil-gimgha biss u dan ghal saghtejn", [3] li jitnaqqas l-ammont tal-manteniment dovut ghat-tifel

minuri u [4] li l-Qorti "thassar dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet il-hames talba attrici, u dan billi ma tapplika ebda wahda mis-sanzjonijiet stipulati fl-Artikolu 48[1][a] u [d] tal-Kap.12 …; thassar dik il-parti tas-sentenza fejn [l-ewwel Qorti] laqghet is-seba' u tmien talba attrici u dan billi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi xolta diversament u dan billi s-somma assenjata lill-intimat tkun akbar, u tikkonferma l-bqija tat-talbiet".

4. L-appell incidentali huwa bazat fuq zewg aggravji li jirrigwardjaw: [1] l-ammont tal-manteniment dovut ghat-tifel minuri [2] l-arretrati ta' manteniment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

5. Ghar-ragunijiet imfissra minnha fir-risposta taghha u fl-appell taghha l-attrici qed titlob ir-riforma tas-sentenza fid-dawl tal-aggravji mressqa minnha; bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku tal-konvenut.

**Il-Fatti**

6. Fil-qosor il-fatti relevanti huma dawn. Il-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Awwissu 2008 u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel li twieled fil-5 ta' Lulju 2010 u li ghalhekk ghadu minorenni. Fis-17 ta' Lulju 2011 il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali, proprjeta` parafernali tal-attrici u

halla lill-attrici tfendi wahedha bit-tifel li f'dak iz-zmien kien ghadu kif ghalaq sena.

7. B'digriet provvizorju datat 16 ta' Novembru 2011 l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut jhallas lill-attrici bhala sehemu mill-manteniment tat-tifel l-ammont ta' €200 kull erba' gimghat. Minn dan il-manteniment ghajr ghal darba wahda biss il-konvenut baqa' inadempjenti f'dan ir-rigward tant li eventwalment kien gie kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati gimgha detenzjoni.

**Is-Sentenza Appellata**

8. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjonijiet taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dan li l-intimat, minkejja li gie debitament notifikat bl-atti tal-kawza, ma intavolax ir-risposta guramentata tieghu. Fil-mori tal-kawza, l-intimat prova jiggustifika l-kontumacja tieghu izda l-qorti, permezz ta' sentenza preliminari datata t-12 ta' Ottubru 2012, cahdet it-talba tieghu ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja. L-istess intimat gie moghti d-dritt li jipprezenta n-nota ta' osservazzjonjiet tieghu, pero' l-istess intimat naqas li jaghmel dan ukoll fiz-zmien moghti lilu.
>
> "**VERZJONI RIKORRENTI**
>
> "Permezz tal-affidavit taghha[1] l-attrici tispjega li l-problemi fiz-zwieg taghhom bdew mill-bidu nett meta ftit xhur wara li zzewgu, il-*gynaechologist* taghha qalilha li kellha l-felul fil-parti intima taghha li seta' gie mill-*gym*, *sauna* jew inkella *tramite* mard trasmess sesswalment. Tghid li inhasdet peress li la l-*gym* u lanqas is-*sauna* ma tmur filwaqt li kien ikollha relazzjonijiet intimi biss ma' zewgha. Tghid li

[1]Esebit a fol 175 tal-process

l-hsieb li zewgha kellu marda trasmessa sesswalment u li kien jaqlibhielha kienet difficli wisq biex taccetta u ghalhekk warrbet dan il-hsieb u baqghet ghaddejja.

"Ftit wara harget tqila bit-tifel Luca. Dan kien zmien difficli ghall-partijiet peress li l-attrici kellha tqala difficli filwaqt li l-intimat kellu problemi relatati max-xoghol, ghalkemm kien jaqlaghha tajjeb minhabba s-sieghat ta' *overtime* li kien jaghmel sakemm ma gie trasferit ghal post fejn ma kienx jaghmel *overtime* u tilef xi kawza kontra d-Direttur tal-Habs li l-ispejjez taghha spiccat biex hallsithom l-attrici. L-attrici kienet spiccat tislef il-flus minghand il-genituri taghha biex tlahhaq. Anke l-ispejjez tal-visti tat-tabib kienet thallas omm l-attrici.

"L-attrici tghid li meta mbaghad twieled il-minuri, l-intimat ma tax kaz u hax interess fih. Kien ghalhekk li ma kellhiex ghazla hlief li ddur fuq il-genituri taghha. Il-hsieb tal-adulterju rega' beda jberren meta f'Dicembru 2010 sabet *missed calls* fuq il-*mobile* tal-intimat minghand certu Marta Gatt. Imbaghad f'Jannar 2011 skopriet li zewgha kellu *mobile* iehor li kien qed jahbi minnha. Sabet xi messaggi ma' nisa li hassbuha hazin. Is-suspetti baqghu jizdiedu anke ghaliex l-intimat kien waqaf jorqod fl-istess sodda maghha wara biss sentejn zwieg. F'Marzu 2011 il-konvenut mar Ghawdex kontra x-xewqa tal-attrici. Tghid li ma riditux imur Ghawdex ghaliex hasbet li ser ikun ma' xi mara ohra kif ukoll ghaliex hasbet li ma kienx ghadu rkupra bizzejjed mit-terapija tal-kancer. Pero' l-intimat ghamel ta' rasu u mar xorta b'dan li gie lura s-Sibt u hi hafritlu. Kienet taqbdu jigdeb ghaliex filwaqt li kien jghidilha li qieghed fuq ix-xoghol, meta kienet iccempillu fuq ix-xoghol il-kollegi tieghu kienu jghidulha li kien ikun ilu li telaq.

"Imbaghad f'Mejju 2011 irceviet telefonata minghand tfajla bl-isem ta' Marta Gatt li qaltilha li kellha relazzjoni ma' zewgha u li dan tal-ahhar kellu relazzjoni wkoll ma' certu Daniela Farrugia. L-attrici hadet din l-ahbar b'mod hazin izda ddecidiet li taghmel l-ghassa lil zewgha. Ikkonfermat kollox meta rat lil zewgha ma' tfajla li wara skopriet li kienet l-istess Marta Gatt. Meta kkonfrontat lil zewgha, cahad li kellu relazzjoni maghha. Il-partijiet marru ghall-*counselling* pero' dan ma setax jirnexxi ghaliex l-intimat ma riedx jaccetta li kellu nisa ohra, anzi prova jghaddi lill-attrici tal-mignuna.

"Meta qalilha li rega' kien sejjer *weekend* f'Lulju 2011, m'emmnitux u sabet messaggi li kkonfermaw li f'dan il-*weekend* kien ser ikun ma' Marta Gatt. Hallietu jmur b'dan li cemplet il-*hotel* u talbet li jghadduha mal-kamra tal-intimat u Marta Gatt. It-telefonata ghaddiet u meta l-intimat wiegeb, l-attrici qatghet u ma kellmitux. B'hekk kienet

ikkonfermat is-suspetti taghha. Meta gie lura, kkonfrontatu u qaltlu li kienet taf b'kollox izda l-intimat cahad, ghamel xenata u telaq mid-dar. Il-gurnata kienet is-17 ta' Lulju 2011 u l-konvenut qatt ma rega' mar lura d-dar. L-imsemmija Marta Gatt kellmet lill-attrici fuq it-telefon (liema telefonata giet rekordjata[2]) fejn Marta Gatt tammetti li kienet ilha f'relazzjoni mal-intimat ma' minn Marzu 2011 u li kien taha *sexually transmitted disease*.

"L-attrici tghid ukoll li l-intimat ghandu karattru vjolenti b'dan li mhux l-ewwel darba li kien verbalment vjolenti maghha u heddidha li sahansitra ser jahraq id-dar (li m'hijiex proprjeta' tieghu). Tghid li ghamlet diversi rapporti mal-Pulizija dwar il-vjolenza tieghu u telenka tali episodji.

"Dwar il-minuri Luca, ssostni li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-istess minuri b'dan li l-access ghandu jibqa' kif inhu skond id-digrieti tal-qorti peress li l-intimat qatt ma wera interess fl-istess minuri u wisq tibza' li fil-futur ikun agressiv ukoll ma' ibnu. Tghid li mhux ragonevoli peress li kien hemm drabi fejn il-minuri kien marid u kellha certifikat mediku biex tipprova dan, izda l-intimat xorta wahda baqa' jinsisti li jara lit-tifel u johorgu minn daru minkejja li jkun marid. L-attrici offriet li jara lill-minuri fid-dar gia matrimonjali izda filwaqt li kien hemm okkazjonijiet fejn accetta, kien hemm ohrajn fejn irrifjuta u baqa' jinsisti li jara lit-tifel.

Izzid tghid ukoll li minkejja d-digriet tal-qorti fejn l-intimat gie ordnat ihallas manteniment ghall-minuri, l-istess intimat hallas biss pagament mensili ta' xahar wiehed u xejn aktar. Huwa f'dan il-kuntest li qed titlob li l-manteniment ghall-minuri jibda jinqata' direttament mill-paga tieghu.

"**<u>IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI</u>**

"Il-Qorti taghmel referenza ghac-certifikat taz-zwieg tal-partijiet datat id-9 ta' Awwissu 2008[3] kif ukoll ghac-certifikat tat-twelid tal-minuri Luca Cassar li twieled nhar il-5 ta' Lulju 2010[4], liema certifikati huma importanti kwantu sabiex jigu stabbiliti dati.

"Issir referenza wkoll ghall-kopji tal-mandati li prezentat l-attrici permezz ta' nota datata t-12 ta' Marzu 2012, mil-liema mandati, tnejn gew intavolati mill-intimat kontra l-konjugi Emanuel u Carmen Bonnici u

---

[2]Ara Dok. ACB3 anness mal-affidavit tal-attrici a fol 202 tal-process
[3]Esebit a fol 6 tal-process
[4]Esebit a fol 7 tal-process

cioe' mandat ta' sekwestru kawtelatorju[5] u l-mandat ta' inibizzjoni[6] filwaqt li l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv[7] sar fl-ismijiet Emanuel Bonnici u Carmen Bonnici kontra l-istess intimat. Tali nota turi li fil-verita' l-attrici ma intavolat ebda mandat kontra l-intimat ghalkemm irid jinghad li minkejja li l-intimat sostna li ried jipprova jiggustifika l-kontumacja tieghu abbazi tal-istess, l-qorti cahdet din it-talba.

"Issir referenza ghax-xiehda ta' Romauld Attard[8] fejn jiddikjara li f'isem l-attrici sab erba' (4) kontijiet[9], f'isem l-intimat sab disa' (9) kontijiet[10] filwaqt li b'mod kongunt bejniethom, sab biss zewg (2) kontijiet li huma maghluqin[11]. L-istess xhud jaghti spjegazzjoni tad-dokumentazzjoni li jesebixxi u tal-pagamenti relattivi.

"Issir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Cassar**[12] fejn l-intimat gie kkundannat gimgha detenzjoni ghal nuqqas ta' hlas ta' manteniment, liema sentenza giet konfermata fl-Appell permezz ta' sentenza datata l-11 ta' Lulju 2013[13].

"Jigi prezentat ukoll l-affidavit ta' omm l-attrici[14] fejn taghti hjiel anke tar-relazzjoni tal-partijiet qabel iz-zwieg (peress li l-attrici tibda l-affidavit taghha maz-zwieg). Tikkoncentra fuq il-problema tal-flus li kellha bintha fiz-zwieg ghaliex tghid li l-intimat kien iberbaq kollox filwaqt li bintha kienet tispicca trid thallas kollox hi. Tikkonferma dak li tghid bintha u cioe' li anke ghall-visti tat-tabib waqt it-tqala hallset hi ghaliex bintha ma kellhiex minn fejn. Kien gieghla wkoll tbiegh id-deheb li kellha b'dan li l-flus nefaqhom f'gimgha. Tghid ukoll li ma kellux interess f'ibnu u ghadu juri nuqqas ta' interess sal-lum. Issemmi t-theddid u l-adulterju. Izzid tghid li d-dar matrimonjali kienet diga' nbniet qabel iz-zwieg taghhom u li l-pretensjoni tal-istess intimat m'ghandhiex tkun aktar minn €20,000.

"Jigu pprezentati wkoll diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anabel Cassar b'akkuzi relatati mac-

---

[5]Mandat Numru 1556/2011 esebit a fol 71 tal-process
[6]Mandat Numru 1557/2011 esebit a fol 83 tal-process
[7]Mandat Numru 43/2012 esebit a fol 89 tal-process
[8]Ara x-xhieda tieghu datata d-29 ta' Jannar 2013 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Mallia
[9]Ara Dok. BOV1 - 4 esebiti a fol 329 – 398 tal-process
[10]Ara Dok. BOV 5 – 13 esebiti a fol 399 – 455 tal-process
[11]Ara Dok. BOV 14 – 15 esebiti a fol 457 - 463 tal-process
[12]Deciza nhar is-27 ta' Gunju 2012
[13]Ara s-sentenza esebita a fol 650 tal-process
[14]Esebit a fol 544 tal-process

cahda ta' access favur l-intimat kif ukoll ma' *ragionfattasi*, ghal-liema akkuzi l-attrici giet liberata[15].

"Issir referenza ghax-xiehda ta' Joe Galea in rapprezentanza tas-Central Salaries Section tat-Tezor[16] fejn jikkonferma li l-attrici ghandha salarju ta' €20,437.00 flimkien ma' *income supplement* ta' €242.26 *per annum* u bonus iehor ta' €270.20 *per annum* u *all inclusive allowance* ta' €46.15 kull erba' gimghat b'dan li fi Frar 2013 kellha xi *professional development sessions* u thallsu €26.90.

"Illi xehdet Dr. Elisabeth Quintano[17] fejn tesebixxi tmien (8) sentenzi[18] kontra l-intimat, b'dan li tiddikjara li dik tas-27 ta' Gunju 2012 ghadha pendenti fl-appell. Permezz tal-istess sentenzi jirrizulta li l-intimat gie misjub hati ta' molestja, ingurja u theddid fil-konfront tal-attrici u l-genituri taghha, talli ghamel uzu hazin minn xi network jew apparat ta' komunikazzjoni kif ukoll nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

Ix-xiehda ta' Maria Pisani mill-Malta Insurance Association fejn taghti valur lill-vetturi bil-mod segwenti:

"Daihatsu Sirion M3 *hatchback petrol* 1298 cc tas-sena 2008 bin-numru ta' registrazzjoni ABS 801 - €8400;

"Ford Escort Salon 1298 tas-sena 1994 bin-numru ta' registrazzjoni LCA 258 - €1000;

"Daewoo Racer Saloon tas-sena 1996 bin-numru ta' registrazzjoni CAF 303 – ma nstabitx fil-*guidebook* pero' tinghata l-istess valur tal-vettura l-ohra Daewoo Racer Engine tas-sena 1996 bin-numru ta' registrazzjoni EBD 708 - €600;

"Ix-xiehda ta' Elisabeth Vassallo in rapprezentanza tar-Regjun ta' Nofsinhar[19] fejn tiddikjara li fuq il-vetturi kollha registrati f'isem l-intimat u cioe' l-vetturi EBD 708, LCA 258 u CAF 302 b'kollox hemm €6314.50 dejn f'multi relatati mal-istess vetturi;

---

[15] Ara s-sentenza deciza nhar il-11 ta' Jannar 2012 esebita a fol 551, is-sentenza deciza nhar l-1 ta' Dicembru 2011 esebita a fol 553 tal-process, is-sentenza deciza nhar it-13 ta' Gunju 2012 esebita a fol 555 tal-process, is-sentenza deciza fl-1 ta' Frar 2012 esebita a fol 557 tal-process, is-sentenza tat-28 ta' Mejju 2012 esebita a fol 559 tal-process

[16] Ara x-xhieda tieghu datata t-30 ta' April 2013 esebita a fol 576 tal-process

[17] Datata l-25 ta' Gunju 2013 esebita a fol 603 tal-process

[18] Ara Dok. 1 – Dok. 8 esebiti a fol 603 sa' 640 tal-process

[19] Ara x-xhieda taghha datata l-25 ta' Gunju 2013 esebita a fol 603 tal-process

“Issir referenza wkoll ghax-xiehda ta’ Spiridione Zammit[20] fejn jesebixxi rapport tal-attrici[21] datat id-19 ta’ Marzu 2013 kontra l-intimat meta ma tahiex lura lit-tifel minuri u jikkonferma li dwar dan l-incident ghaddejja kumpilazzjoni kontra l-intimat b’dan li huwa akkuzat li rrezista l-Pulizija u ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. Jispjega wkoll li l-intimat kien hebb ghalih. Jikkonferma wkoll li l-intimat kien kellmu hazin pero’ ma kienx heddu.

“**<u>DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI</u>**

“Dwar l-ewwel talba, il-qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 38 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jsegwi hekk:

> “***Kull parti miżżewġa tista’ titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***”.

“Dan necessarjament ifisser li l-adulterju, huwa raguni valida bizzejjed ghall-qorti sabiex tilqa’ t-talba ghal separazzjoni personali bejn koppja u dan *stante* li kif sostniet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Greengrass Hugh vs Greengrass Lucia**[22] fejn gie ritenut li:

“***L-adulterju hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali***”

“Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jaghti prova. F’dan l-istadju din il-qorti taghmel referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[23] fejn gie dikjarat li:

“***L-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika***”.

“Illi l-qorti hija moralment konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimat irrenda ruhu hati ta’ adulterju u dan anke abbazi tal-konversazzjoni li

---

[20]Ara x-xhieda tieghu datata d-19 ta’ Frar 2014 esebita a fol 729 tal-process
[21]Ara Dok. X esebit a fol 730 tal-process
[22]Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili
[23]Deciza nhar is-27 ta’ Novembru 2011 mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili

kellha l-attrici stess ma' Marta Gatt[24]. Jigi rilevat li minkejja li m'hemm ebda dubju dwar il-karattru vjolenti tal-intimat (u dan kif evidenzjat min-numru ta' sentenzi li gew prezentati in atti) u konsegwentement il-qorti hija konvinta wkoll li tali karattru wassal ukoll ghall-firda tal-partijiet, ghalkemm jidher li r-raguni principali ghall-firda ta' bejn il-partijiet kienet l-adulterju tieghu mhux biss ma' Marta Gatt izda wkoll ma' certu Daniela.

"Ghalhekk, fid-dawl ta' tali provi li ma jhallu ebda dubju dwar ir-responsabbilita' ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, il-qorti tirrileva li m'ghandha ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-istess intimat.

"**DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI U ACCESS GHALL-INTIMAT**

"Il-qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri.

"Permezz tan-nota guramentata taghha[25], l-attrici tikkontendi li il-qorti ghandha tikkonferma d-digriet taghha tal-5 ta' Ottubru 2011[26] u t-12 ta' Novembru 2011[27] b'dan illi tigi fdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri Luca Cassar filwaqt li l-intimat ikollu access ghall-istess minuri nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis mill-5.30pm sas-7.30pm u nhar ta' Sibt bejn il-5.30pm u t-8.30pm. Tghid ukoll li l-intimat ghandu jigbor lill-minuri ghall-acess mid-dar ta' residenza taghha filwaqt li wara l-access tkun hi li tigbor lill-istess minuri mid-dar tar-residenza ta' omm l-intimat. Sussegwentement, wara r-rikors tal-attrici datat id-19 ta' Marzu 2013, il-qorti ordnat li l-intimat ikollu access ghall-minuri biss taħt is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg darba fil-gimgha ghal saghtejn fil-gurnata u hin li ghandhom jigu determinati mill-Agenzija Appogg[28]. Permezz ta' nota datata l-14 ta' Gunju 2013, l-Agenzija Appogg stqarret li l-intimat ma kienx ha d-digriet appositu sabiex jibda jigi ezercitat l-access u konsegwentement ma saru ebda sessjonijiet u ziedet tghid ukoll li sar theddid serju da parti tal-istess intimat. Fic-cirkustanzi, l-istess Agenzija Appogg irrakkomandat li f'kaz li jibda jigi ezercitat l-access, allura l-access supervizjonat isir gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun. Il-

[24]Ara Dok. ACB3 esebit a fol 202 tal-process
[25]Esebita a fol 164 tal-process
[26]Esebit a fol 208 tal-process
[27]Esebit a fol 212 tal-process
[28]Ara d-digriet datat il-21 ta' Marzu 2013 esebit a fol 515 tal-process

qorti laqghet ir-rakkomandazzjoni tal-Agenzija Appogg permezz ta' digriet datat is-17 ta' Gunju 2013[29].

"Mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-intimat ftit li xejn wera interess lejn ibnu, tant li anke wara li din il-qorti ddekretat li ghandu jara lill-minuri taħt is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg, l-istess intimat naqas milli jaghmel dak kollu li hu necessarju sabiex jerga' jibda jara lil ibnu. Tali nuqqas ta' interess da parti tieghu jikkonferma dak li ssostni l-attrici u cioe' li l-intimat mhux interessat f'ibnu. Fid-dawl tan-nota tal-Agenzija Appogg il-qorti taghti aktar kredibilita' lill-verzjoni attrici fejn tikkontendi li m'hemmx interess da parti tal-istess intimat ghal ibnu. Min-naha l-ohra m'hemm ebda prova li turi li l-attrici m'hijiex idoneja sabiex tkompli trabbi lill-minuri (kif jidher li ilha taghmel minn mindu twieled) u konsegwentement l-istess qorti ma tarax ghaliex l-kura u l-kustodja tal-istess minuri m'ghandhiex tigi fdata f'idejn l-attrici b'mod esklussiv. Kwantu ghall-access tal-intimat, dan ghandu jibqa' skont l-ahhar digriet u cioe' ghal darba fil-gimgha ghal massimu ta' saghtejn f'gurnata u hin li jigu determinati mill-Agenzija Appogg. L-access isir fl-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun sakemm l-Agenzija Appogg tirrapporta bil-miktub li sar bizzejjed progress sabiex tali access jibda jigi ezercitat fil-bini tal-istess Agenzija Appogg.

"**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-MINURI**

"Il-qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li r-responsabbilita' finanzjarja kollha relatata mal-minuri waqghet fuq l-intimata. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[30]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[31]fejn saret referenza ghal:

"Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

> "***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

"ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

[29] Ara a fol 600 tal-process
[30] Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)
[31] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)

“***“Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

“u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

“***“Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

“Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

“Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

“Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skont id-dettami tal-ligi, u skont il-kalkoli hemm indikati.

“Il-qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut.

“Dwar il-kwistjoni ta’ manteniment, l-attrici tikkontendi li minkejja li *pendente lite* l-intimat gie ordnat ihallas is-somma ta’ mitejn Euro

(€200) kull erba' gimghat u dan permezz ta' digriet datat is-16 ta' Novembru 2011[32], l-intimat ghamel pagament mensili wiehed biss u cioe' nhar it-12 ta' Jannar 2012. Naturalment l-istess intimat ma jikkontribwixxi bl-ebda mod iehor ghall-istess minuri. F'dan il-kuntest issir referenza wkoll ghas-sentenza esebita u msemmija aktar 'il fuq fejn l-intimat gie kkundannat gimgha detenzjoni ghal nuqqas ta' hlas ta' manteniment. Jigi rilevat ukoll li l-minimu ghal dak li jirrigwarda manteniment hija dik ta' madwar €200 fix-xahar jew kull erba' (4) gimghat oltre nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tenut kont tal-fatt li l-intimat ilu ma jhallas manteniment u ma jhallas xejn ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, tenut kont ukoll tal-iskeda tal-ispejjez li l-attrici tikkalkula li taghmel ghall-minuri[33] kif ukoll tax-xiehda ta' Carmen Borg[34] fejn iddikjarat li fis-sena 2011 l-intimat kellu introjtu gross ta' €25,793.99 filwaqt li fis-sena 2012 kellu introjtu gross ta' €28,873.69, il-qorti thoss li l-manteniment li ghandu jigi mhallas mill-intimat versu l-minuri ghandu jkun dak ta' tliet mija u hamsin Euro (€350) kull erba' (4) gimghat li jkun jinkludi s-sehem tieghu mill-ispejjez ordinarji relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild, liema manteniment ghandu jithallas direttament lill-attrici mill-paga tal-intimat kif kien dekretat fit-18 ta' Frar 2013. Il-manteniment jibqa' jithallas *di fermo* sakemm il-minuri jkollu tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsir maggorenni jkun qed jistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat lill-attrici sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bazi *full-time* jew jilhaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel. Ghal finijiet ta' kjarezza qed jinghad li tali manteniment dovut ghandu jibda jithallas bil-mod spjegat aktar 'il fuq wara li jigi pacut l-ammont dovut lill-istess intimat mill-attrici kif ser jinghad aktar 'il quddiem u f'kaz li l-elementi rikjesti ghall-hlas ta' manteniment mill-intimat versu ibnu jkunu ghandhom jezistu.

"**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

"Il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors attrici datat it-30 ta' Novembru 2011[35] u li permezz tieghu gie mitlub li jkun hemm dikjarazzjoni u ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'mod immedjat. Permezz ta' digriet datat il-15 ta' Frar 2012, il-qorti laqghet it-talba

---

[32]Ara a fol 249 tal-process
[33]Ara a fol 217 tal-process
[34]Ara x-xhieda taghha datata t-13 ta' Marzu 2013 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Mallia esebita a fol 525 tal-process
[35]Esebit a fol 23 tal-process

attrici ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti. B'hekk, mid-data indikata tal-15 ta' Frar 2012, il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ma baqghetx tezisti. Naturalment, dan ifisser li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kienet ghadha tezisti mid-data taz-zwieg taghhom u cioe' mid-9 ta' Awwissu 2008 sal-istess data msemmija fis-sena 2012.

"Ghal finijiet ta' kjarezza jinghad li d-dar matrimonjali u cioe' l-fond 'Moonlight' Hofra ta' Ritz, limiti tar-Rabat Malta inbniet fuq art li hija proprjeta' parafernali tal-esponenti *stante* li inghatat lilha b'donazzjoni mill-genituri taghha qabel iz-zwieg u cioe' nhar l-14 ta' Jannar 2004 u dan permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dr. Clinton Bellizzi[36]. Permezz tan-nota guramentata taghha l-istess attrici tiddikjara bil-gurament li kienet hi li hallset ghall-binja tad-dar li nbniet fuq l-art msemmija. Hemm dejn relattivi ghal xi miljoramenti li setghu saru fid-dar matrimonjali, liema dejn huwa wkoll mal-BOV fis-somma originali ta' €26,000 b'dan li meta l-intimat telaq mid-dar, l-ammont li kien thallas kien dak ta' €8,827.95. Jigi rilevat ukoll li permezz tal-affidavit taghha, l-attrici tipprezenta ricevuti li juru li f'Jannar 2007[37] (u cioe' qabel iz-zwieg) il-binja kienet diga' nbniet u saru wkoll il-*metres* tad-dawl u l-ilma. Ghalhekk targumenta li tali ricevuti huma prova tal-fatt li qabel iz-zwieg l-istess fond kien diga' maghluq bi twieqi u bibien ghaliex kieku ma kienux jinghataw l-arloggi tad-dawl u l-ilma.

"Tghid ukoll li ghandha dejn parafernali mal-Bank of Valletta Plc bil-kont numru 40016608692 li kien relattiv ghat-tieg tal-partijiet. L-ammont originali kien dak ta' €11,646 filwaqt li fid-data tal-affidavit tal-istess attrici, l-ammont dovut kien dak ta' madwar €600.

"Kwantu ghall-komunjoni tal-akkwisti, l-attrici tghid (dejjem permezz tan-nota guramentata taghha) li hemm is-somma ta' €2085.00[38] li thallset mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni bhala rifuzjoni tat-Taxxa fuq il-qliegh taghha matul is-sena 2011 abbazi tal-fatt li hija rritornat lura ghax-xoghol. Ghalhekk tghid li dan huwa ammont dovut lilha. Tghid li minkejja li fi Frar 2012 il-komunjoni tal-akkwisti kienet diga' giet imwaqqfa, l-intimat irnexxilu jsarraf ic-cekk u jzommu ghalih wahdu. Hemm ukoll il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABS 801 (li dejjem instaqet mill-attrici) izda li abbinat maghha hemm dejn mal-BOV oringinarjament fl-ammont ta' €11,500, b'dan li fiz-zmien l-affidavit tal-attrici il-bilanc kien dak ta' €7000, kontijiet bankarji separati intestati fl-ismijiet rispettivi tal-partijiet, mobbli li jinsabu fid-dar matrimonjali.

---

[36]Esebit a fol 218 tal-process
[37]Ara a fol 220 – 221 tal-process
[38]Ara a fol 585 tal-process

"Tghid li l-intimat ghandu vettura tal-marka Daewoo Racer bin-numru ta' registrazzjoni CAF 302 u *Trust Fund* li huma proprjeta' parafernali tieghu. Tikkontendi wkoll li ghandu dejn parafernali kwantu ghal €900 fuq kontravvenzjonijiet tas-sewqan li jmorru lura sa' minn qabel iz-zwieg ghalkemm mix-xiehda ta' Paul Farrugia bhala President tar-Regjun Xlokk[39] jidher li l-ammont parafernali dwar kontravvenzjonijiet jammonta ghal €675.44 (relatata mal-vettura LCA 258) flimkien mal-ammont ta' €5322.51 (relatata mal-vettura EBD 708) u kontravvenzjonijiet fiz-zwieg fl-ammont ta' €351.49 (relatata mal-vettura CAF 302).

"Tissemma wkoll is-somma ta' €7006.48 dejn mal-Maltacom plc[40] permezz ta' sentenza li ma gietx appellata u konsegwentement hija *res judicata* kif wara kollox tikkonferma Dr. Audrey Vassallo fix-xiehda taghha bhala Assistent Registratur Qrati u Tribunali Civili[41]. Permezz tal-affidavit taghha tikkwantifika l-ammont li huwa dovut lill-intimat abbazi tal-fatt li minn assi parafernali tieghu hallas ghal xi ghamara jew mobbli fid-dar matrimonjali, liema mobbli jammontaw ghal €19,255.62. tghid li tali ammont gie sbursat mill-intimat u huma derivanti mill-assi parafernali tieghu.

"Jidher ghalhekk li l-attrici tammetti li l-intimat ghandu kreditu ta' €19,255.62 kif ukoll ghal nofs l-ammont ta' €8827.95 u cioe' €4413.97 li flimkien ma' nofs l-ammont ta' €897.09 li huwa hallas jammontaw ghal €24,118.14.

"Fid-dawl ta' dan kollu, l-qorti qieghda xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet mid-data taz-zwieg taghhom sal-gurnata li waqfet l-istess komunjoni tal-akkwisti u cioe' l-15 ta' Frar 2012 bil-mod segwenti:

"**Assi li ser jigu assenjati b'mod esklussiv lill-komparenti mara**

"1. Id-dar matrimonjali 'Moonlight' Hofra Ta' Ritz, limiti tar-Rabat Malta hija proprjeta' parafernali tal-attrici u konsegwentement m'hemm ebda bzonn ta' assenjazzjoni. Izda ghal finijiet ta' kjarezza qed jigi dikjarat li tali proprjeta' hija proprjeta' esklussiva tal-attrici;

---

[39]Ara x-xhieda tieghu datata l-25 ta' Gunju 2013 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Mallia esebita a fol 577 tal-process
[40]Kif jirrizulta mill-qari tas-sentenza fl-ismijiet **Maltacom Plc vs Emanuel Cassar** esebita a fol 236 tal-process
[41]Ara x-xhieda taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Mallia datata d-29 ta' Jannar 2013 esebita a fol 326 tal-process

"2. Il-bilanc tad-dejn dovut lill-Bank of Valletta abbinat mal-proprjeta' msemmija aktar 'il fuq bil-kont numru 40018498509 ghandu jithallas b'mod esklussiv mill-attrici;

"3. L-ammont ta' €2085.00 rapprezentanti r-rimbors tat-taxxa dovut lill-istess attrici. Tali ammont ser jitnaqqas mill-ammont li ghandu jinghata l-intimat bhala sehemu mill-benefikati li saru fid-dar gia matrimonjali;

"4. Is-self relattiv mal-Bank of Valletta originarjament ghall-ammont ta' €11,180.09 relattiv ghall-kont bankarju 40016608692 li huwa amalgamat mal-kont bankarju bin-numru 40020815837 ghandu jithallas esklussivament mill-attrici;

"5. Kwalunkwe kont bankarju u / jew investiment li seta' sar mill-attrici f'isimha personali ghandu jitqies li huwa proprjeta' esklussiva taghha;

"6. Il-mobbli kollha li jinsabu fid-dar gia matrimonjali msemmija aktar 'il fuq ghandhom jitqiesu li huma l-proprjeta' esklussiva tal-attrici;

"**Assi li ser jigu assenjati b'mod esklussiv lill-komparenti ragel**

"1. Il-vettura tat-tip Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni LCA 258 u l-vettura tat-tip Daewoo Racer bin-numru ta' registrazzjoni EBD 708 huma proprjeta' parafernali tal-intimat b'dan li l-istess vetturi diga' jinsabu f'ismu u konsegwentement m'hemm ebda bzonn ta' assenjazzjoni. Izda ghal finijiet ta' kjarezza qed jigi dikjarat li tali vetturi huma proprjeta' esklussiva tal-intimat. Il-vettura tat-tip Daewoo Racer bin-numru ta' registrazzjoni CAF 302 qieghda tigi assenjata lill-intimat b'mod esklussiv;

"2. Kwalunkwe kontravvenzjonijiet, dejn u spejjez inkluzi l-licenzji u poloz ta' assigurazzjoni li huma relatati mal-vetturi msemmija fil-paragrafu precedenti ghandhom ikunu mhallsa esklussivament mill-intimat kif ghandu jithallas ukoll l-ammont kollu dovut lir-Regjun Nofsinhar u r-Regjun Xlokk jew kwalunkwe Regjun iehor ghal kontravenzjonijiet li qatt setghu saru mill-istess intimat;

"3. Id-dejn dovut lil Go. Plc wara s-sentenza fl-ismijiet **Maltacom plc et vs Emanuel Cassar** fl-ammont ta' €7006.48 ghandu jitqies bhala dejn esklussiv tal-intimat;

"4. Kwalunkwe kont bankarju u / jew investiment li seta' sar mill-intimat f'ismu personali ghandu jitqies li huwa proprjeta' esklussiva tieghu;

"5. Zewg *laptops* tal-marka Dell sejatament DNCTI-C13-BLKDELL STUDIO u F464N-GRPNK DELL INSPIRON 15 PNK COR2DUO2 qed jigu assenjati esklussivament lill-intimat b'dan li l-istess intimat ghandu jhallas b'mod esklussiv kwalunkwe dejn li jista' jkun relatat mal-istess *laptops*;

"6. Kwalunkwe dejn mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni li huwa dovut mill-intimat u li jirrisali ghal kwalunkwe zmien inkluz izda mhux limitatament ghall-ammont ta' €2094.00 skond Dok. Z esebit waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Mallia datata t-30 ta' April 2013 ghandu jithallas esklussivament mill-intimat;

"7. Is-somma ta' €24,193.14 rapprezentanti sehem l-intimat mill-benefikati illi saru fid-dar matrimonjali flimkien mas-somma ta' €1940.43 rapprezentanti sehemu mir-ripagamenti illi saru in konnessjoni mas-self li ttiehed ghall-akkwist tal-vettura ABS 001. Minn dawn l-ammonti ghandhom jitnaqsu s-segwenti:

"i. is-somma ta' €300 rapprezentanti s-sehem tal-attrici kwantu ghall-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAF 302;

"ii. l-ammont ta' €2085 relattiv ghar-rimbors tat-taxxa dovut lill-attrici biex b'hekk l-ammont dovut lill-intimat mill-attrici jammonta ghal €23,748.57.

"In vista tal-fatt li l-intimat (u dan anke wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati) jirrizulta li ma jhallasx il-manteniment ghal ibnu, l-qorti tordna li l-istess ammont dovut mill-intimat jibda jigi pacut permezz tal-manteniment stabbilit permezz ta' din l-istess sentenza, sakemm tali somma tkun thallset lura. Hekk kif l-istess ammont ikun gie pacut u f'kaz li jkunu jezistu l-elementi rikjesti ghall-hlas ta' manteniment ghall-minuri, allura f'dak il-kaz, l-obbligu tal-manteniment da parti tal-intimat jerga' jibda jissusti.

"**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 KONTRA L-INTIMAT</u>**

"L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

"(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

> “(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
>
> “(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun konsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
>
> “(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.
>
> “Din il-qorti, kif diga’ kellha l-opportunita’ li tiddikjara aktar ‘il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli lill-intimat u ghaldaqstant, il-qorti qieghda tapplika l-Artikolu 48(1)(a) u (d) kontra l-istess intimat”.

**<u>L-Appell Principali</u>**

*L-ewwel aggravju*

9. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat “kemm tal-provi prodotti quddiemha u kemm tal-ligi” meta ddecidiet li tattribwixxi t-tort ghas-separazzjoni unikament lill-konvenut meta dan irrenda ruhu hati ta’ adulterju “… … … abbazi biss ta’ konversazzjoni li kellha l-attrici ma’ certu wahda Marta Gatt”. Jilmenta li l-ewwel Qorti mhux biss sabitu hati ta’ adulterju ma Marta Gatt, izda anke ma’ certu wahda Daniela.

10. Jissenjala li l-fatt li huwa baqa' kontumaci ma jezimix lill-attrici milli ggib l-ahjar prova disponibbli in sostenn ta' dak minnha allegat. Jkompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "Illi jigi rilevat ghalhekk illi l-adulterju stante n-natura gravi tieghu ghandu jigi biss pruvat permezz ta' indizi u prezunzjonijiet illi ghandhom ikunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant. Fil-kaz odjem, l-appellata naqset milli ggib provi u indizji gravi, precizi u konkordanti illi jwasslu bic-cert illi kien hemm adulterju min-naha tal-appellant peress illi naqset milli ggib ix-xhieda bil-gurament kemm ta' Marta Gatt kif ukoll ta' Daniela Farrugia, iz-zewg nisa li allegatament l-appellant mar maghhom bil-mohbi tal-appellata.
>
> "Ghaldaqstant, tenut kont kemm tal-istat tal-kontumacja illi l-appellant kien jinstab fih kif ukoll tal-allegazzjoni gravi ta' adulterju, fl-umli fehma tal-appellant fil-kaz odjern, l-attrici naqset milli ggib l-ahjar prova u cioe` naqset milli ttella' bhala xhieda lil Marta Gatt u Daniela Farrugia illi setghu jixhdu fuq l-allegat adulterju tal-appellant fil-konfront tal-appellata. Fil-fatt, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma taghmilx referenza ghal provi illi juru bic-car u minghajr ombra ta' dubju l-allegat adulterju min-naha tal-appellant hlief biss konversazzjoni bejn l- appellata u Marta Gatt illi giet esebita fil-process. Dan ifisser, illi l-attrici naqset milli tipprova l-adulterju permezz ta' indizi u prezunzjonijiet illi jkunu gravi, precizi u konkordanti u li ma jhallu l-ebda dubju f'mohh il-gudikant."

11. Minn naha taghha l-attrici tirrispondi ghal dan l-aggravju billi tissenjala cirkostanzi li rrizultaw mill-affidavit taghha li ghandhom iwasslu ghall-prova tal-adulterju ta' zewgha. Ic-cirkostanzi li ghandhom relevanza huma s-segwenti:

> [a] Il-fatt li wara ftit xhur ta' zwieg l-attrici skopriet li l-konvenut allura zewgha kellu marda trasmessa sesswalment;
>
> [b] Il-fatt li lejn l-ahhar ta' Dicembru bdiet issib hafna missed calls fuq il-mobile tal-konvenut u li n-numru partikolari kien registrat fuq Marta Gatt;

[c] Il-fatt li f'Jannar 2011 l-attrici skopriet li l-konvenut kellu mobile iehor li hu kien heba minnha u li fuqu sabet diversi messaggi minghand diversi nisa b'kontenut indikattiv ta' relazzjonijiet adulteri mal-konvenut;

[d] Il-fatt li f'Mejju 2011 l-attrici irceviet telefonata minghand wahda lil qaltilha li jisimha Marta Gatt u din stqarret maghha li l-konvenut kellu relazzjoni maghha u wkoll ma certu wahda Daniela Farrugia.

[e] Il-fatt li wara circa sentejn zwieg il-konvenut kien beda jirrifjuta li jorqod fl-istess sodda mal-attrici martu u beda jippreferi li, minflok, jorqod mal-art fl-istudju.

[f] Il-fatt li f'Lulju 2011 l-attrici skopriet, minn diversi messaggi li sabet fuq il-mobile tal-konvenut, li dan kien qed jippjana li jmur weekend break f'Ghawdex ma' Marta Gatt; fil-fatt il-konvenut kien mar Ghawdex flimkien ma' Marta Gatt[42] u meta hu rritorna Malta fis-17 ta' Lulju 2011 u l-attrici kkonfrontatu b'dan il-fatt izda hu ghamel xenata u telaq mid-dar;

[g] Id-depozizzjoni ta' rapprezentanti tas-socjeta` Intercomp Limited fejn din xehedet li meta hi kienet cemplet fuq il-mobile registrat fuq isem il-konvenut, wegbitha wahda bl-isem Marta u qaltilha li Emanuel Cassar ma kienx qieghed hemm.

12. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirribadixxi li bhala qorti ta' revizjoni normalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk mhux ghal xi zball manifest li jwassal sabiex parti ssofri ingustizzja.

[42] Fl-affidavit taghha l-attrici tghid li meta cemplet fil-lukanda indikata fil-messaggi u staqsiet lir-receptionist sabiex jghaddiha ma' Emanuel Cassar u Marta Gatt, ir-receptionist qalilha li kien ser jghaddihom mal-kamra taghhom.

13. Fit-tieni lok, in kwantu ghall-akkuza tal-adulterju maghmula mill-attrici fil-konfront tal-konvenut zewgha, din il-Qorti tosserva li sabiex tkun sodisfatta l-prova ta' adulterju mhux mehtiega l-prova diretta tal-kongugiment karnali u cioe` il-prova *solus et sola in eodem lectos*. Kif ritenut fil-gurisprudenza l-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta' testimonjanza *de visu* jew *in flagrante* imma bizzejjed il-konkors ta' cirkostanzi precizi, gravi u univoci li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt.[43] Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern il-fatt li l-konvenut ipprenota kamra f'lukanda sabiex fiha jqatta' lejl wiehed ma' mara ohra tikkostittwixxi prova sufficjenti ta' adulterju da parti ta' dak il-konjugi u dan fuq il-konsiderazzjoni li *solo cum sola non praesumitur orare pater.*

14. Fit-tielet lok, b'referenza ghal dik il-parti tal-aggravju fejn il-konvenut jghid li *"provi illi juru bic-car u minghajr ombra ta' dubju l-allegat adulterju"* din il-Qorti tirribadixxi li:

> "Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, hija dik li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita` civili. [PA Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo u Gaetana Rizzo, deciz 28 ta' April, 2004]." *[App.S 836/01 Joseph Zammit vs Joseph Bonello, 27 Marzu 2015]*.

[43] Ara fost ohrajn PA Edwards v. Xuereb [Vol.XLVC.ii.563], [PA Rita Spiteri v. Avk. Dr. Albert Grech Vol.XXXVII.II.693; PA Rosina Micallef v. Angelo Micallef – 27.06.1964]

15. Fil-mertu din il-Qorti tosserva li, ghalkemm xi uhud mic-cirkostanzi fuq indikati li jirrizultaw mill-affidavit tal-attrici wahedhom jistghu ma jwasslux ghall-prova tal-adulterju, izda meta l-dawn ic-cirkostanzi jitqiesu fl-assiem taghhom, ragjonevolement jistghu jwasslu ghall-konvinciment fil-gudikant tal-ezistenza tar-relazzjoni adulterjuza li l-konvenut kellu ma' Marta Gatt.

16. B'mod partikolari, il-fatt wahdu li f'anqas minn sentejn u nofs ta' zwieg huwa telaq mis-sodda matrimonjali u mar jorqod fl-art fl-istudju huwa indizzju qawwi li l-relazzjoni konjugali bejn il-partijiet kienet spiccat jew almenu kienet fi krizi serja. Inoltre, mill-provi ma jirrizultax li dan il-fatt huwa b'xi mod attibwit ghall-komportament da parti tal-attrici fil-konfront tal-konvenut zewgha,

17. Rigward in-nuqqas tal-attrici li tipproduci bhala xhud lill-imsemmija Marta Gatt u anke lill-imsemmija Daniela Farrugia, din il-Qorti tosserva li huwa dritt tal-attrici li bhala parti fil-kawza tirregola l-provi taghha u tiddeciedi hi xi provi tipproduci, b'mod li jekk l-attrici deherilha li bil-verzjoni moghtija minnha u bid-depozizzjoni tar-rapprezentanti tal-imsemmija socjeta`, kellha provi bizzejjed sabiex issostni t-tezi taghha, ma kellhiex obbligu li ttella' aktar xhieda. Spetta imbaghad ghal qorti gudikanti li, wara li tezamina l-provi mressqa quddiemha, tiddecidi jekk fatt allegat huwiex sodisfacentement sostnut bi provi adegwati.

18. F'dan il-kaz l-ewwel Qorti kienet tal-opinjoni li, fic-cirkostanzi, l-allegazzjoni tal-adulterju tal-konvenut kienet sufficjentement provata u, tenut kont li din il-Qorti hi tal-fehma li kien hemm provi sufficjenti sabiex l-ewwel Qorti setghet tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward.

19. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u ser jigi michud.

*It-tieni aggravju*

20. Dan jirrigwardja l-ammont tar-rata alimentarja stabbilita mill-ewwel Qorti li hi dovuta mill-konvenut lill-attrici bhala s-sehem tieghu tal-manteniment dovut minnu ghat-tifel minuri. Il-konvenut jghid li l-ammont ta' €350 kull erba' gimghat, li jinkludi s-sehem tieghu mill-ispejjez ordinarji relatati mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-minuri huwa wiehed eccessiv "immens" tenut kont ukoll tal-fatt li t-tifel ghad ghandu erba' snin u li l-mantenimnet jibqa' dovut anke wara li l-minuri jaghlaq it-tmientax-il sena sakemm jaghlaq tlieta u ghoxrin sena kemm-il darba dan jibqa' jistudja full-time.

21. Jissenjala li fil-ligi z-zewg genituri ghandhom l-istess obbligi fil-konfront ta’ wliedhom u ghalhekk huma t-tnejn ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija taghhom, aktar u aktar meta llum il-mizzewwgin huma f’pozizzjoni ta’ ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skont l-Artikolu 2 tal-Kodici Civili, il-konjugi ghandhom “jerfghu r-responsabbilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom”. Huwa jkompli jissottometti hekk dwar dan l-aggravju:

> “Illi ghaldaqstant l-appellant jirrileva illi allura bil-kalkolazzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti dan it- tifel ghandu bzonn seba' mitt ewro (€700) kull erba' gimghat biex jittrabba stante illi peress illi z-zewg partijiet ghandhom jikkontribwixxu b'mod ugwali jekk l-appellant gie ordnat ihallas is-somma ta' tlett mija u hames mitt (recte: hamsin) ewro (€350) dan ifisser illi l-appellata se tkun qed tikkontribwixxi hi wkoll is-somma ta' tlett mija u hames mitt (recte: hamsin) ewro (€350). Fl-umli opinjoni tal-appellant din is-somma komplessiva ta' seba' mitt ewro (€700) hi eccessiva u ghalhekk din il-Qorti ghandha tordna lill-appellant ihallas somma ragonevoli li tkun tirrifletti l-bzonnijiet tal-minuri bhalma huma ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni tieghu, tenut kont ukoll tal-mezzi rispettivi taz-zewg partijiet.”

22. Id-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward taqra hekk:

> “[3] Tilqa' t-tielet talba attrici b'dan li l-intimat ghandu jhallas is-somma ta' tliet mija u hamsin Ewro (€350) kull erba' (4) gimghat li jkun jinkludi s-sehem tieghu mill-ispejjez ordinarji relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild, liema manteniment ghandu jithallas direttament lill-attrici mill-paga tal-intimat. Il-manteniment jibqa' jithallas di fermo sakemm ilminuri jkollu tmintax-il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsir maggorenni jkun qed jistudja fuq bazi full-time, allura tali manteniment ghandu jibqa' jithallas mill-intimat lill-attrici sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bazi full-time jew jilhaq l-eta' ta' theta u ghoxrin (23) sena, skont liema eventwalita` ssehh l-ewwel. Ghall-finijiet ta' kjarezza qed jinghad li tali manteniment ghandu jibda jithallas mill-intimat wara li jigi pacut l-ammont dovut lill-istess intimat mill-attrici u cioe` l-ammont ta' €23,748057 u dan dejjem f'kaz li l-elementi rikjesti ghall-hlas ta' manteniment mill-intimat versu ibnu jkunu ghandhom jezistu;”

23. Qabel xejn din il-Qorti tosserva li meta fl-Artikolu 2 fuq indikat il-ligi tghid li l-genituri ghandhom jerfghu r-responsabbiltajiet indaqs matul iz-zwieg ma jfissirx li l-genituri ghandhom jikkontribwixxu ghaz-zwieg <u>bl-istess mod</u>, imma jfisser li l-genituri, kull wiehed fir-rwol rispettiv tieghu, ghandhom jerfghu indaqs l-piz taz-zwieg u tat-trobbija ta' uliedhom. Dan jaghrfu l-Artikolu 3 li jaqra testwalment hekk:

> "Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja."

24. Ghalhekk l-oneru fiz-zwieg mhuwiex necessarjament l-istess fin-natura tieghu ghaz-zewg genituri. Hekk, bhal fil-kaz prezenti, filwaqt li l-konvenut hu obbligat li jaghti l-kontribut tieghu finanzjarjament ghat-trobbija tal-minuri u ghall-bzonnijiet tieghu, l-attrici ghandha l-oneru tat-trobbija tal-minuri li llum ghad ghandu hames snin. Din il-Qorti tosserva li, tenut kont li l-oneru tal-attrici hu tali li ggorru kwotidjanament dan l-oneru jista' jirrizulta ferm akbar minn dak tas-semplici kontribuzzjoni finanzjarja mensili li l-konvenut qed jigi ordnat li jaghti. Dan qed jinghad fid-dawl tal-konsiderazzjoni li t-trobbija tat-tfal tkun tirrikjedi involviment kontinwu u gornaljer da parti ta' min ikun qed jiehu hsieb il-minuri, *multo magis* meta l-minuri, bhal fil-kaz prezenti jkun ghadu zghir hafna.

25. Fid-dawl tal-premess, l-argument li qed jipprova jaghmel il-konvenut fis-sens li l-manteniment stabbilit mill-ewwel Qorti hu esagerat

"immens" ghax il-bzonnijiet normali tal-minuri ma jehtiegux l-ispiza ta' €700[44] kull erba' gimghat, huwa zbaljat ghax jinjora ghal kollox il-piz tal-kura u kustodja materjali tal-minuri. Fi kliem iehor, l-attrici, li wkoll ghandha x-xoghol taghha, qed taghti l-kontribut taghha fiz-zwieg ghall-bzonnijiet tal-minuri billi tiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu ta' kuljum.

26. Inoltre, din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-introjtu tal-konvenut huwa akbar minn dak tal-attrici hi tal-fehma li l-mantenimnet fissat mill-ewwel Qorti la hu wiehed eccessiv u wisq anqas huwa eccessiv immensament imma, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa proporzjonat ghac-cirkostanzi tal-kaz.

27. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-tielet aggravju*

28. Dan jirrigwardja l-ammont tal-kreditu li l-ewwel Qorti attribwiet bhala dovut lilu mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut fisser dan l-aggravju hekk:

> "3. Illi a rigward tal-kreditu li l-appellanti ghandu jiehu kwantu ghal miljoramenti illi saru fil-fond matrimonjali, u liema huwa l-propjeta` parafernali ta' l-appellanti, jidher illi l-Ewwel Qorti strahet esklussivament fuq dak li l-appellata ddikjarat fin-Nota Guramentata prezentata minnha, u ghalhekk assenjat lil

---

[44]€350 x 2

appellanti s-somma hekk kif indikata minnha. Bir-rispett kollu l-appellanti ma jaqbel xejn mal-mod kif l-Ewwel Qorti aprezzat il-provi migjuba f'dan ir-rigward, l-aktar fid-dawl tal-kontumacja tieghu, fejn l-Ewwel Qorti kellha almenu tahtar Perit sabiex jaghmel stima tal-miljoramenti li saru fl-istess fond, u b'hekk tassikura ruhha illi s-somma indikata mill-appellata hija wahda korretta u gusta."

29. Rigward dan l-aggravju din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-konvenut jilmenta mill-ammont stabbilit mill-Qorti dwar il-kreditu parafernali tieghu, ma jispjegax ir-raguni ghaliex qed iqis dak l-ammont zbaljat. Jghid biss li l-ewwel Qorti ma kellhiex tistrih unikament fuq in-nota guramentata tal-attrici imma kellha tqabbad perit tekniku biex jaghmel stima tal-miljoramenti li saru matul iz-zwieg fil-proprjeta` parafernali tal-attrici.

30. Rigward il-hatra ta' perit tekniku, din il-Qorti tosserva li stima ta' perit gudizzjarju m'hijiex l-unika prova li qorti ghandha tistrih fuqha. Fi kliem iehor l-ewwel Qorti ma kellhiex obbligu li, fil-kontumacja tal-konvenut, tappunta *ex officio* perit tekniku jekk fil-fehma taghha dik il-Qorti qieset bhala prova sufficjenti l-valur moghti mill-attrici.

31. Inoltre, kif tajjeb irrelevat l-attrici, il-konvenut, ghalkemm kien kontumaci u ghalkemm kellu d-dritt u l-opportunita` li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, dan baqa' ma prezentax in-nota tieghu fejn allura seta' gibed l-attenzjoni tal-Qorti dwar l-oggezzjoni tieghu ghall-istima moghtija mill-attrici u dwar il-bzonn li jigi nominat perit tekniku. Il-konvenut dan

m'ghamlux u baqa' passiv. Baqa' passiv meta, minghajr raguni valida, naqas li jirrispondi ghar-rikors guramentat tal-attrici fiz-zmien moghti lilu bil-ligi u baqa' passiv ukoll billi naqas li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet tieghu. Fid-dawl ta' dan, ftit taghmel sens is-sottomissjoni tal-konvenut maghmula fl-istadju tal-appell x'imissha, skont hu, ghamlet l-ewwel Qorti. La darba dik il-Qorti ikkonsidrat opportun li tistrih fuq l-istima moghtija mill-attrici fin-nota guramentata taghha, kienet korretta li ma tappuntax perit tekniku liema nomina kienet allura tinvolvi spiza inutili ghall-partijiet.

32. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

33. Finalment, rigward it-tieni talba maghmula mill-konvenut fir-rikors tal-appell tieghu ghall-varjazzjoni tal-modalita` tal-access tieghu, din il-Qorti tosserva li, minkejja li l-konvenut ghamel din it-talba, ma ghamilx aggravju formali fir-rigward u ghalhekk, in vista ta' dak kontemplat fl-Artikolu 143[2] tal-Kap.12 dan hu bizzejjed sabiex l-istess tieni talba tigi michuda.[45]

## L-Appell Incidentali

*L-ewwel aggravju*

---

[45] Ara Qorti Kostituzzjonali **Rosaria Schembri v. Avukat Generali**, 6/4/2006; Qorti Kostituzzjonali **Lai Lai Co. Ltd. v. Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et**, 25/2/2011 u Qorti Kostituzzjonali **Darry Luke Borg v. Avukat Generali et** 29/5/2015.

34. Dan jirrigwardja l-manteniment stabbilit mill-Qorti, li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghat-tifel minuri. L-attrici tilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tipprovdi wkoll ghaz-zieda sabiex tigi koperta l-inflazzjoni matul is-snin. Tispjega li t-tifel ghad ghandu erba' snin u allura jekk ma tittiehidx in konsiderazzjoni l-inflazzjoni matul is-snin, il-manteniment fissat mill-ewwel Qorti ser eventwalment ikun wiehed mizeru sakemm jieqaf l-obbligu tal-hlas ta' manteniment da parti tal-konvenut.

35. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-attrici ghandha ragun u, tenut kont tal-fatt li l-ghoti tal-manteniment huwa dovut ghal-ghajxien tat-tifel sakemm jaghlaq it-tmientax-il sena jew it-tlieta u ghoxrin sena skont il-kaz, allura huwa car li, sabiex l-manteniment jibqa' jikkorrispondi ghall-bzonnijiet tal-minuri, ir-rata fissata mill-ewwel Qorti ghandha tizdied annwalment skont ir-rata ta' inflazzjoni kif tirrizulta skont l-indici ufficjali tal-gvern.

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u ser jigi milqugh.

*It-tieni aggravju*

37. Dan hu fis-sens li meta l-ewwel Qorti qieset l-ammont dovut mill-konvenut lill-attrici hija naqset milli tinkludi l-ammonti segwenti li jirrigwardjaw [a] l-arretrati tal-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici

u li sad-data tal-prezentata tar-risposta “baqa’ qatt ma hallas”, [b] s-sehem tal-konvenut mir-ripagamenti effettwati mill-attrici ghas-self bankarju li hi kienet hadet qabel iz-zwieg sabiex tiffinanzja t-tieg, [c] s-sehem tal-attrici mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ghar-ripagamenti tad-djun maghmula ghall-akkwist tal-laptops li l-ewwel Qorti assenjat lill-konvenut; [d] nofs l-ammonti sborsati mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti in konnessjoni mad-dejn parafernali tal-konvenut.

38. (a) Dwar l-arretrati tal-manteniment illi l-appellat kien gie ordnat illi jhallas ghall-iben minuri tal-partijiet, u illi sal-lum baqa` ma hallasx, l-attrici tispjega illi:

- Disgha u tletin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€39.78) jirrapprezentaw il-bilanc tal-manteniment dovut ghall-perjodu bejn il-11 ta' Jannar 2012 u l-4 ta' April 2012, u li ma rnexxilhiex tirkupra permezz tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 91/2012;

- L-ammont ta' mitejn Ewro (€200) kull darba rapprezentanti l-manteniment dovut kull erba` gimghat bejn it-12 ta' Dicembru 2012 u s-6 ta' Frar 2013 – total ta' tliet pagamenti li jammontaw ghal sitt mitt Ewro (€600); u

- Mija u wiehed u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€121.43) rapprezentanti l-manteniment dovut ghall-perijodu bejn is-7 ta' Frar 2013 u s-17 ta' Frar 2013, sakemm eventwalment il-manteniment beda jitnaqqas direttament mis-salarju tal-appellant ai termini tad-Digriet tat-18 ta' Frar 2013.

39. Din il-Qorti tosserva li mill-atti jirrizulta li l-konvenut kien ta’ sikwit ikun inadempjenti fir-rigward tal-hlas tal-manteniment dovut minnu u, fin-

nuqqas ta' oggezzjoni da parti tieghu ghal din il-parti tal-aggravju, din il-Qorti hi tal-fehema li ghandha tilqghu.

40. Izda ghall-precizjoni din il-Qorti tosserva li l-manteniment dovut lill-attrici ghall-perijodu bejn is-7 ta' Frar 2013 u s-17 ta' Frar 2013 ma huwiex €121.43 kif sottomess fl-aggravju taghha, izda €78.57.[46] Dan l-ammont fil-fatt jinkwadra ruhu fit-total ta' arretrati ta' manteniment ta' €718.35 pretizi mill-attrici.[47]

41. Tenut kont ukoll tan-nuqqas ta' risposta fir-rigward da parti tal-konvenut, din il-Qorti tikkonsidra din il-parti tal-aggravju bhala fondata u tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' <u>€718.35</u> bhala arretrati ta' manteniment ghaz-zmien fuq indikat.

42. (b) Rigward sehem il-konvenut mir-ripagamenti effetwati mill-attrici in konnessjoni mas-self li hadet mill-Bank of Valletta p.l.c. sabiex iffinanzjat it-tieg tal-partijiet, l-attrici tghid li sitt xhur qabel it-tieg hija hadet self mill-BOV fl-ammont ta' €11,180.09 u l-kapital u l-interessi thallsu dejjem permezz ta' pagamenti effettwati minnha:

- Bejn il-31 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Lulju 2008 cioe` qabel iz-zwieg ta' bejn il-partijiet - €1,596.35

[46]Bejn is-7 ta' Frar 2013 u s-17 ta' Frar 2013 hemm hdax-il jum, ghalhekk il-manteniment dovut huwa €200÷28 = €7.14 x 11 = €78.57
[47]€39.78 + €600 + €78.57 = €718.35

- Bejn l-1 ta' Settembru 2008 u t-28 ta' Frar 2011 u cioe` qabel id-data minn meta l-esponenti tissottometti umilment illi ghandhom jigu kkomminati fil-konfront tal-appellat l-effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta - €7,069.55

- Wara Marzu 2011, cioe` wara d-data li l-attrici tissottometti ghandha titqies ghall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta - €4,510.30, li minnhom €870.05 thallas wara li giet terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet fil-15 ta' Frar 2012.

43. L-attrici tghid li stante li l-konvenut ibbenefika wkoll minn tali self, huwa ghandu jhallasha €3,053.33 rapprezentanti nofs il-pagamenti illi ghamlet (1) minn assi parafernali qabel iz-zwieg, (2) wara Marzu 2011 meta tghid li ghandu japplika l-Artiklu 48 et seq kontra l-konvenut u kif ukoll (3) wara l-15 ta' Frar 2012 meta giet terminata l-komunjoni tal-akkwisti.

44. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva illi minkejja l-pretensjonijiet tal-attrici, id-data tad-dekadenza tal-konvenut ai termini tal-Artikolu 48 et seq tal-Kap 16 ma hijiex xi data f'Marzu 2011. Skont id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq din it-talba, l-Artikolu 48(1)(a) u (d) beda japplika kontra l-intimat mid-data tas-sentenza appellata, jew ahjar mill-11 ta' Dicembru 2014. Din il-Qorti tenut kont tal-fatt li l-fattur tal-adulterju rrizulta minn diversi cirkostanzi li kumuluttivament wasslu ghall-prova sodisfacenti tieghu, hija tal-fehma li m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward.

45. Fil-mertu, din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aggravju ma ghandux fondament. Dejn parafernali ma jsirx awtomatikament dejn tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mument li l-parti l-ohra tkun allegatament gawdiet ukoll minn tali finanzjament. Inoltre, ma ngabet ebda prova tangibbli in sostenn tal-fatt illi tali self sar esklussivament sabiex jithallsu l-ispejjez in konnessjoni mat-tieg ta' bejn il-partijiet, u ghalhekk ghall-beneficju taz-zewg partijiet.

46. Jigi rilevat ukoll illi fil-maggor parti tieghu, dan id-dejn parafernali thallas bejn l-1 ta' Settembru 2008 u l-15 ta' Frar 2012, jigifieri waqt iz-zwieg u minn fondi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, sakemm din giet itterminata skont id-decizjoni tal-Ewwel Qorti li ggib l-istess data tal-15 ta' Frar 2012. Hija ghalhekk fi kwalunkwe kaz ingustifikata l-pretensjoni tal-attrici ghal nofs il-pagamenti li saru bejn Marzu 2011 u l-5 ta' Frar 2012 in kwantu l-komunjoni tal-akkwisti kienet ghadha vigenti bejn il-partijiet u ghalhekk il-pagamenti kienu qed isiru minn assi appartenenti lill-istess komunjoni favur dejn parafernali tal-attrici.

47. Lanqas ma hija gustifikata t-talba tal-attrici ghal nofs l-ammonti mhallsa minnha qabel iz-zwieg u wara t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Dan kien dejn parafernali mehud mill-attrici unilateralment, u ghalhekk ma ghandux ibatih il-konvenut.

48. Din il-parti tat-tieni aggravju qeghdha ghalhekk tigi michuda.

49. (c) Dwar sehem l-attrici mill-assi li gew sborsati mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet in konnessjoni mar-ripagamenti tad-djun relattivi ghall-akkwist tal-laptops tal-marka Dell, senjatament DNCTI-C13-BLKDELL STUDIO u F464N-GR-PNK DELL INSPIRON 15 PNK COR2DUO2, liema laptops gew, permezz tas-sentenza appellata, assenjati lill-konvenut, l-attrici tissottometti illi l-konvenut hallas b'fondi tal-komunjoni tal-akkwisti l-ammont ta' elf hames mija u tnejn u hamsin Ewro u seba` centezmi (€1,552.07), u ghalhekk huwa ghandu jirrifondi lilha nofs dan l-ammont, jew ahjar €776.04.

50. Skont ir-rendikont ipprezentat mix-xhud Melanie Bugeja in rapprezentanza tal-kumpanija Intercomp Limited[48], jidher li huwa minnu illi fiz-zwieg, senjatament bejn il-31 ta' Lulju 2010 sat-12 ta' Awissu 2011 (li skont ix-xhud hija d-data tal-ahhar pagament li ghamel il-konvenut) thallas l-ammont ta' €1,552.07.

51. Ghalhekk, stante li l-kompjuters in kwistjoni gew assenjati lill-konvenut[49] il-pretensjoni tal-attrici ghal nofs l-ammonti sborzati mill-komunjoni tal-akkwisti hija gustifikata.

---

[48]Fol 583

[49]Vide Pg 20 tas-sentenza

52. Ghaldaqstant din il-parti tat-tieni aggravju qed tigi milqugha u l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici l-ammont ta' €776.04.

53. (d) Rigward nofs l-ammonti sborzati mill-komunjoni in konnessjoni mad-dejn parafernali tal-konvenut, l-attrici tikkontendi illi dwar self mal-Bank of Valletta relatat mal-kont bin-numru 40011397717 [Dok BOV6], saru s-segwenti pagamenti fiz-zwieg:

> [a]. Elfejn erba` mija u tlieta u tletin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€2,433.49) bejn il-11 ta' Awissu u t-2 ta' Lulju 2009; u
> [b]. Hamsin elf u tlieta u erbghin Ewro u sitta u disghin centezmu (€50,043.96) mir-rikavat tal-bejgh ta' propjeta` immobbli parafernali tal-appellat.

54. Abbazi tal-premess hija qed tippretendi r-rimbors ta' €1,216.75 rapprezentanti nofs ir-ripagamenti li saru mill-assi tal-komunjoni in konnessjoni ma' dan is-self parafernali tal-konvenut.

55. Jirrizulta minn Dok BOV 6[50]ipprezentat mix-xhud Romwald Attard illi huwa tassew minnu illi bejn il-11 ta' Awissu 2008 u t-2 ta' Lulju 2009, u ghalhekk minn assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, saru pagamenti fuq dan is-self ammontanti ghal €2,433.49, kif ukoll ir-ripagament imsemmi mill-attrici ta' €50,043.96, li skont l-attrici stess sar

[50]Fol 400

mir-rikavat tal-bejgh ta' propjeta` parafernali tal-konvenut. Dan ir-ripagament ta' €50,043.96 ghalhekk kien provenjenti minn proprjeta` parafernali tal-konvenut li ghaldaqstant ma jitqiesx kreditu tal-komunjoni.

56. L-attrici ghalhekk hija intitolata ghal nofs l-ammont ta' €2,433.49, jew ahjar €1216.75.

57. Rigward is-self mal-Bank of Valletta relatat mal-kont bin-numru 40011397788 [Dok BOV7], l-attrici tissottometti illi saru s-segwenti pagamenti fiz-zwieg: [a]. Tliet mija u tmienja u sittin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€368.22) bejn il-11 ta' Awwissu 2008 u l-20 ta' Gunju 2009; u [b]. Erbat elef sitt mija u sebgha u hamsin Ewro u hamsin centezmu (€4,657.50) mir-rakavat tal-bejgh ta' propjeta` immobbli parafernali tal-konvenut.

58. Jirrizulta minn Dok BOV 7[51] ipprezentat mill-istess xhud illi huwa minnu illi bejn il-11 ta' Awissu 2008 u l-20 ta' Gunju 2009, u ghalhekk minn assi appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, saru pagamenti fuq dan is-self fl-ammont ta' €368.22, kif ukoll ir-ripagament imsemmi mill-attrici ta' €4,657.50, li skont l-attrici stess thallas mir-rikavat tal-bejgh ta' propjeta` immobbli parafernali tal-konvenut.

[51]Fol 401-402

59. L-attrici ghalhekk hija intitolata ghal nofs l-ammont ta' €368.22, jew ahjar €184.11.

60. Tenut kont ukoll in-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut, din il-parti tal-aggravju tirrizulta gustifikata u qeghdha tigi milqugha, b'dan illi l-konvenut ghandu jirrifondi lill-attrici s-somma ta' €1,400.86 rapprezentanti hlasijiet li saru mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti versu self parafernali tal-konvenut.[52]

61. Ghaldaqstant b'zieda ma' dak gia` deciz mill-ewwel Qorti, l-attrici ghandha wkoll dritt minghand il-konvenut ghall-ammont ta' €718.35 rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovut mill-konvenut; €776.04 rapprezentanti rimbors dovut lill-attrici ghall-hlasijiet fuq laptops li gew assenjati lill-konvenut, kif ukoll €1,400.86 rapprezentanti hlasijiet mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti fuq self parafernali tal-konvenut, ammontanti b'kollox ghal €2,895.25.

62. Jirrizulta illi l-kreditu favur il-konvenut kif deciz mill-ewwel Qorti jammonta ghal €26,133.57[53] qabel tnaqqas il-kreditu favur l-attrici. Minn dan l-ammont irid jitnaqqas l-ammont ta' €5,280.25[54] u mhux €2385 kif

[52] €1,216.75 + €184.11
[53] €24,193.14 + €1,940 [sentenza appellata pg.20]
[54] Rapprezentanti €300 sehem l-attrici mill-vettura CAF302 kif deciz mill-ewwel Qorti; €2,085 rimbors tat-taxxa dovut lill-attrici kif deciz mill-ewwel Qorti; €718.35 arretrati tal-manteniment kif hawn fuq spjegat; €776.04 rimbors ghal pagamenti li saru mill-komunjoni al-akkwisti fuq

qalet l-ewwel Qorti li hu dovut lill-attrici. B'hekk il-bilanc dovut mill-attrici lill-konvenut huwa ta' €20,853.32 u mhux €23,748.57 kif qalet l-ewwel Qorti.

63. Ghaldaqstant it-tielet aggravju huwa fondat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tichad l-appell principali tal-konvenut u tilqa' l-appell incidentali tal-attrici limitatament kif ser jinghad: billi mad-decizjoni dwar it-tielet talba li tirrigwardja l-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici ghat-tifel, jizdied is-segwenti "li l-manteniment stabbilit jigi awmentat annwalment skont ir-rata ta' inflazzjoni kif tirrizulta skont l-indici ufficjali tal-gvern"; tirriforma t-tielet u s-seba' talbiet limitatament fis-sens li l-ammont dovut lill-konvenut mill-attrici ma jibqax dak ta' tlieta u ghoxrin elf, seba' mija u tmienja u erbghin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€23,748.57) kif indikat mill-ewwel Qorti, izda jigi ridott ghal ghoxrin elf, tmien mija u tlieta u hamsin Ewro u tnejn u tletin centezmu (€20,853.32)[55] kif fuq spjegat.

---

laptops li gew ssenjati lill-konvenut kif hawn fuq spjegat, u €1,400.86 rimbors ghal hlasijiet li saru mill-komunjoni tal-akkwisti favur dejn parafernali tal-konvenut.

[55]€26,133.57 - €5,280.251

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df